MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## REFALO JOSEPH S.

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1667/2002

**Western Company Limited**

**vs**

**Siviliano u Anna Mifsud**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tnejn u erbghin lira Maltija u tnejnu hamsin centezmu (Lm842.52), u fejn intqal:**
**Illi fis-7 ta' Settembru, 1999, inhargu divesi kambjalijiet minn Siviliano u Anna Mifsud favur Western Company Limited ghall-ammont ta' sebghin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm70.21) kull wiehed pagabbli kull xahar fuq medda ta' diversi xhur. Il-konvenuti naqsu li jhallsu tnax-il kambjala ta' sebghin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu**

**(Lm70.21) kull wiehed li mmaturaw fit-30 ta' kull xahar bejn Settembru 2000 u Jannar, 2002;**
**Ghalhekk l-ammont totali dovut huwa ta' tmien mija u tnejn u erbghin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm842.52), minbarra l-imghaxijiet relattivi mid-data tal-maturita` tal-kambjalijiet sad-data tal-pagement effettiv u oltre l-ispejjez legali u gudizzjarji nkluzi l-mandat ta' qbid kawtelatorju.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' John Sultana ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra li l-kambjalijiet in kwistjoni skadew fit-30 ta' Settembru, 2000, 30 t'Ottubru, 2000, 30 ta' Jannar, 2001, 30 ta' Frar, 2001, 30 ta' Marzu, 2001, 30 t'April, 2001, 30 ta' Lulju,2001, 30 t'Awissu, 2001, 30 t'Ottubru, 2001, 30 ta' Novembru, 2001, 30 ta' Dicembru, 2001 u 30 ta' Jannar, 2002 skond id-Dok.SM1 sa SM12 esebiti.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(a) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tnejn u erbghin lira Maltija u tnejnu hamsin centezmu (Lm842.52), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita` ta' kull kambjala sad-data tal-pagement effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**